**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 15 – L-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-16.00hrs.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa **SEDUTA NUMRU 14 – L-Erbgħa 19 ta' Frar 2014** fuq proposta tas-Sindku Dr Ian Castaldi Paris u sekondata minn Ms Stephanie Cutajar Kunsillier, dawn ġew approvati. Il-Kunsillier Marc Sant u Lorraine Farrugia qablu mal-kontenut pero ma approvax li waslu tard.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

**2.1** Il-Viċi Sindku Ms. Magda Magri Naudi xtaqet tkun taf ir-rendikont kollhu kif isir is-soltu u fuq kollox għaliex ġew mogħtija 3000 ewro lil dar il- Kaptan u 1,000 ewro biss għar restawr tal- pitturi tal- Knisja tas-Salvatur, Hi sostniet li dan ma kienx il ftehim li sar bejn Mrs. Muscat u l-Kunsill għax kellu jkun nofs bin nofs.

**2.2** Il-Viċi Sindku Ms. Magda Magri Naudi nfurmat li dwar il-punt 4.4 tal-minuti preċedenti dwar A+. Nfurmat li qed tieħu ħsieb l-applikazzjoni u qedgħa titkellem ma Ms Daniel Abela.

**2.3** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat dwar il-possibilita ta' clash fl-attiviatjiet tal-Għid għahekk xtaqet li jsir ftehim min qabel biex dan jsirx.

**2.4** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat biex dwar il-propjeta ta' Triq il-Kardinal Ferretti tinkiteb ittra u jingħataw gimgħatejn ċans biex ituna risposta.

**2.5** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li fi Triq id-dejqa għandha ssir bollard la darba tkun lesta t-triq. Dan biex jitnaqsu l-karozzi min dan l-isqaq.

**2.6** Dr Marc Sant nforma li n-niċċa ta' San Pawl għandha bżonn tinzebgħa kif ukoll jinbidel id-dawl.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

**3.1** Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris staqsa lil Dr Marc Sant jekk kienx hemm xi problema dwar l-approvazzjoni tal-pagamenti tal-laqgħa preċedenti. Dr Sant ikkonferma li ma kellu l-ebda problema

**3.2** Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris staqsa u wera ttħassib tiegħu dwar min seta għamel rapport dwar il-kunsill fuq il-bord ta' għażla tas-Segretarju l-ġdid. Nforma li kif jaf kull membru tal-Kunsill kullħadd kellu ċ-ċans jistaqsi u kullħadd kien membru tal-bord.

**3.3** Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris nforma dwar il-kas ta' Ms Cilia. iS-Sindku nforma li xtaq li ssir laqgħa bejn l-Avukat, il-Perit Rizzo Naudi, Polidano Brothers, hu kif ukoll is-segretarja.

**3.4** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li wara li marret għal laqgħa ma' Ceo il-ġdida tal-housing marret lura l-uffiċċju tal-Kunsill fejn talbet id-dokumenti kollha lil Georgette peress li mill-housing ġiet infurmata li d-dokumenti kienu ntilfu kollha. Din il-laqgħa saret

nhar l-20 ta' Frar 2014. Nfurmat li l-iskema ser tergħa tibda fl 2015. Il-Kunsilliera Farrugia ssuggeriet tlaqqa l-4 leaders biex tinformahom b'din il-laqgħa.

**3.5** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li l-arblu tad-dawl li hemm fuq iz-zuntier għandu jinbidel.

**3.6** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat dwar il-permess li l-kunsill għandu jagħmel għal mitħna. Nfurmat li għandna ninfurmaw lill-Perit biex isir anke xogħol ta' restawr fuq il-Mitħna

**3.7** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li 2 kaptelli li hemm fi Triq San Andrija viċin fejn isir l-preseju ħaj għandha bżonn tinbidel.

**3.8** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat dwar il-bring in sites biex dawn jitpoġġew f'posthom. Fl-Area ta' Senna, Triq Nazju Cortis fil-kantuniera kif ukoll fl-area tal-Mirakli, Triq il-Kuncizzjoni.

**3.9** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li fil-laqgħa li gejja xtaqet li jigi Sur John Fenech fejn xtaq jagħmel jagħti xi nformazzjoni dwar *'Noise Abatement'* i.e. kif għandna naqsu storbju u ħsejjes bla bżonn.

**3.10** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat dwar il-ħarġa żjara Wirja ta' Vari nhar is-16 ta' April.

**3.11** Il-Minority Leader Marc Sant staqsa dwar l-ittra li kellha tintbaghat lil Transport Malta sabiex isir wicc gdid gewwa Triq Giuseppi Cali peress li din hija triq gdida.

**3.12** Il-Minority Leader Dr Marc Sant qal li l-arbli hdejn il-ground tal-football kienu tnehhew grazzi ghall-intervent tal-Ministru Joe Mizzi. Hu talab li l-Kunsill jibghatlu ittra ta' ringrazzjament ghal dan

**3.13** Il-Minority Leader Marc Sant nforma li l-bike stand li kien hemm faċċata tal-Każin San Piju ser tinqala u tista titwaħħal x'imkien ieħor fejn tista tintuża b'mod aħjar.

**3.14** Il-Minority Leader Marc Sant nforma li l-propjetajiet mitluqa li għandhom jittelalhom ħajt ta' 10 filati huma:

**3.14.1** IL-Propjeta' ta' Conception street – Sinjuri Ganado

**3.14.2** Il-Propjeta' ta' l-Għalqa tal-Mirakli

**3.14.3** Il-Propjeta' ta' Transfiguration Avenue – Michael Spiteri - Marsascala

**3.15** Il-Minority Leader Marc Sant nforma li l-ħargiet ser isiru nhar:

**3.15.1** Mellieħa – Shelters – 2 ta' Mejju

**3.15.2** MFA stadium – bagdercarting – 23 ta' April

**3.15.3** Għawdex bħas-sena l-oħra – 30 ta' Mejju.

**3.16** Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar nfurmat dwar il-problema tal-parkeġġ fejn ir-residenża tagħha. Nfurmat li hemm bzonn li l-parking mal ġenb tat-triq in-naħa tax-xellug inti u tiela irid jinżel l-isfel. Għandha ssir zebgħa ma' l-art u jsiru reflectors forma ta' triangolu biex ma jsirx abbuż minn double parkings.

**3.17** Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar nfurmat li qed jaħdem dwar proġett għaż-żgħażagħ tas-Segretarja.

**3.18** Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar nfurmat li kienet qed tippjana ġita għal Catania differenti mis-sena l-oħra.

4. **KORRISPONDENZA**

**4.1** Il-Perit tal-Kunsill kien bagħat stima dwar xogħol li kellu jsir ġewwa Triq Fernand Gregh. Dan kien stmat li jiswa madwar €9500 fuq il-bankini u madwar €32 600 fuq it-triq.

**4.2** Is-Sinjura Gail (99881266) tixtieq issaqsi lill Kunsill jekk hux possibli li fit-Triq Carmelo Farrugia jkun hemm spazzju adekwat sabiex isir *motorcycle bay*. Dan minħabba li resident f'din it-Triq ma jistax jagħmel mod ieħor ħlief li jokkupa *parking bay* shiha. F'din it-Triq hemm nuqqas ta' parkeġġ u għal din ir-raġuni, s-Sinjura tixtieq tipproponi li ssir *motorcycle bay* bejn żewġ garaxxijiet. Ritratti anness. Il-Kunsill qabel dwar dan

**4.3** Siting of a Flag Pole fi Vjal Trasfigurazzjoni – TM approvat. Il-Kunsil qabel li għandha tigi preparata tender.

**4.4** Request ghal 2 mirja fi Triq Annibale Preca quddiem entratura ta' garages. Hemm diga wahda zghira biex tinbidel u ssiru 2 kbar jew wahda kbira tonda. Request ghal mera ohra fi Triq il-Forn facata tal-german Embassy. Kwotazzjoni u ritratti annessa. Il-Kunsill qabel dwar dan u anke li ssir mera fi Triq is-Salvatur fejn għandha l-garaxx il-Kunsilliera Lorraine Farrugia

**4.5** Is-Sur Frankie Buttigieg, f'isem L-Ghaqda Festi Esterni, qed jitlob lill-Kunsill jekk jista jagħti permess lill din l-għaqda sabiex itaqbu 3 toqod żgħar puliti mal-ġemb ta' Triq il-Forn (ftit 'l fuq mill-istatwa ta' San Pietru) sabiex ikunu jistaw jarmaw l-fustuni. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.6** Ittra mill-Lija Athletic FC rigward donazzjoni ta' 500 ewro biex ikopru kirjiet ta' Mini Buses ghal ground tal-Football biex jaghtu sapport lil Lija Athletic FC fil-kampjonat. Ittra Anessa. Il-Kunsill qabel li tingħata is-somma ta' 100.00euro peress li l-accountant infurmat li dak huwa l-massimu li tista tingħata.

**4.7** Case 326/13 – Lija Belvedere during Hal Lija feast 2013. Is-Segretarja qrat ir-risposta tad-dipartiment dwar dan u għalhekk il-kunsill qabel li dawn l-attivitajiet mhumiex xi ħaga regolari.

**4.8** Dokumenti mingħand Clayton fuq proposti ta' xogħolijiet fi Triq Ferdinand Grech, Ħal Lija. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir meta jkun f'pozizzjoni finanzjarja aħjar.

**4.9** Request ghar-rampa quddiem Blk B Dr.1 minghand is-Sur Carmelo Grech minhabba l-mara tieghu li hija marida ghandha bzonn rampa biex tkun tista tila' ghal Blk taghha. Perit diga nfurmat u ha jaghmel appuntament javzana aktar l-quddiem. Il-Housing Authority ghanda bzonn ittra mill-Kunsill fejn l-Kunsill jikonferma li r-rampa ser isir min naha tieghu. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir temporanja.

**4.10** Inizjattiva tal-Green Pak rigward gbir ta' hwejjeg uzati favur Inspire.Il-Kunsill qabel li għandu jkun parti min din l-attivita'.

**4.11** E-mail min għand il-Kunsill tal-Mellieħa fuq ħarġa kulturali ġewwa l-Mellieħa. IL-Minority leader nforma li hu diga tkellem mal-Kunsill tal-Mellieħa biex issir il-ħarga tal-Mellieħa (għal prezz 2euro). Pero l-ikla ta' wara nofs in-nhar issir il-Pjazza ta' Buġibba.

**4.12** Email dwar – Econing – Sustainable energy Action plan – request for information – covenant of Mayor. Il-Kunsill mela l-informazzjoni u ntbgħatet.

**4.13** Email min għand Life Coaching abundance fuq motivational talk. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir.

**5. AMMINISTRAZZJONI**

**5.1** Is-Segretarja nfurmat li l-accountant Ms Johanna Caruana reggħet gabet il-financial statements biex dawn jigu approvati peress li kien hem double entry fl-ispejjes tal-PPP. Johanna tagħt spejegazzjoni dettaljata dwar il-financial statements.

**5.2** Is-Segretarja nfurmat li kien hem 2 tenders li riedu jinfethu

**5.2.1** Dawl tal-gnien tal-mirakli

**5.2.2** Patching

**5.3** Is-Segretarja nfurmat li rrapport dwar it-tender tal-Insurance kien ġie lura wara l-evaluation tas-Sur Chris Pullicino. Tender intrebaħ min MIB Insurance.

**5.4** Is-Segretarja preżentat il-call for quotations tal-Water Culverts f'Hal Lija. Dan ser jidher fil gazzetti 26 ta' Marzu 2014.

**6. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI**

**6.1** Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar mal-minuti ta' Frar 2014. Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi Proponiet u Is-Sindku Dr Castaldi Paris is-sekonda.

**TMIEM**

Fil- 18.00hrs intemmet is-Seduta biex issir il-Laqgħa tar-residenti u b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Erbgħa 9 ta' April 2014 fl-17.00hrs.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Dr Ian Castaldi Paris | Ms Gabriella Agius |
| Sindku | Agent Segretarju |